MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2010

Numru 58/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Stephen Mallia)**

**vs**

**MARIO AGIUS**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Mario Agius, ta' 37 sena, iben John u Antonia nee' Briffa, imwieled il-Pieta, fit-18 ta' Jannar 1973 u li joqghod fil-fond Nr. 45 'Grognet', Triq Cejlu Tonna, Mosta. Karta ta' l-Identita Numru 64673M;

Billi gie akkuzat talli:

1. Fis-16 ta’ Gunju 2008 u fix-xhur ta’ qabel, f’Bugibba, u f’diversi nhawi f’dawn il-Gzejjer, ghamel falsifikazzjoni f’att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta’ bank privat, b’falsifikazzjoni jew b’tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f’dawk l-atti jew skritturi wara li kienu hekk gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw, u cioe’ numru tar-registrazzjoni falz ta’ vettura jaqra’ LVY 163 maghmul fuq il-*PVC*;

2. U talli: fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi, sabiex jikseb xi beneficcju ghalih innifsu jew ghal-haddiehor, f’xi dokument mahsub ghal xi awtorita pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta taghrif falz billi pproduca numru tar-registrazzjoni falz ta’ vettura jaqra’ LVY 163 maghmul fuq il-*PVC*;

3. U talli: fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi, ghamel falsifikazzjoni jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat billi pproduca numru tar-registrazzjoni falz ta’ vettura jaqra’ LVY 163 maghmul fuq il-*PVC*.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali esebit bhala Dok SM3 u nnutat li l-imputat Mario Agius m’ghandhux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputat iddikjara li hu hati tat-tieni (2) akkuza migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-

ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tat-tieni (2) akkuza migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-ewwel (1) akkuza u it-tielet (3) akkuza migjuba kontra l-imputat inghataw bhala akkuzi alternattivi ghat-tieni (2) akkuza migjuba kontra l-imputat u ghaldaqstant talab li l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija l-ewwel (1) akkuza u it-tielet (3) akkuza migjuba kontra l-imputat.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikolu 188 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat Mario Agius, fuq ammissjoni, hati tat-tieni (2) akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluza l-fedina penali tal-imputat, tillibera lill-imputat Mario Aguis taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta’ Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena millum.

Rigward l-ewwel (1) akkuza u it-tielet (3) akkuza migjuba kontra l-imputat, fid-dawl ta’ dak dikjarat u mitlub mill-Ufficjal Prosekutur fil-Verbal tas-Seduta tallum rigward l-imsemmija l-ewwel (1) akkuza u it-tielet (3) migjuba kontra l-imputat kif riportat aktar qabel f’din is-Sentenza, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ l-imsemmija l-ewwel (1) akkuza u it-tielet (3) akkuza migjuba kontra l-imputat.

Il-Qorti qed taghti lill-imputat Mario Agius l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------